TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 282/11 (JE).

Stanislao Galea

vs

Pharma-cos Ltd.

Illum, 22 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Stanislao Galea tal-15 ta' Ġunju 2011 fejn stqarr illi huwa kien xtara par żarbun (Black Boots – Scholl) mingħand is-soċjetà intimata imma beda jużah xi ħames snin wara peress illi kellu żraben oħrajn. Meta libsu xi darbtejn, il-qiegħ taż-żarbun beda jitfarrak. Ir-rikorrent qed jilmenta illi ħadd ma qallu illi l-materjal taż-żarbun in kwistjoni jiddisintegra wara xi snin u għalhekk talab żarbun in sostituzzjoni.

Ra r-risposta tas-soċjetà ntimata fis-sens illi ma jista jsir xejn fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent peress illi ż-żarbun in kwistjoni kien ilu seba' snin mixtri.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi r-rikorrent stess ammetta fl-avviż tiegħu illi beda juża ż-żarbun in kwistjoni ħames snin wara li xtrah. Sussegwentement, żviluppa l-ilment mertu ta' dina l-kawża.

Illi s-soċjetà ntimata eċċepiet illi ma tista' tagħmel xejn għax għaddew seba' snin minn mindu nbiegħ dan iż-żarbun. Is-soċjetà ntimata għandha raġun. L-artiklu 78 tal-Kap. 378 jgħid :

> **78.** Il-kummerċjant għandu jkun responsabbli taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformità fi żmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oġġetti. Dan il-perjodu għandu jiġi sospiż sakemm idumu għaddejin in-negozjati bejn il-kummerċjant u l-konsumatur bil-għan li jintlaħaq ftehim amikevoli.

Jidher ċar illi r-rikorrent induna bl-allegat difett ħafna wara l-perjodu ta' sentejn mid-data tal-kunsinna taż-żarbun in kwistjoni stipulat fil-liġi.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrih.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.